Avviz Numru CCT 165/13/GB

**Fr Joe Galea**

**vs**

**White Frost Co. Ltd. - Matthew Schembri**

Illum 5 ta' Frar 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-22 ta' Lulju, 2013 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' hames mija u tmenin Ewro (€580.00), rapprezentanti l-prezz ta' erbgha mija u disghin Ewro (€490.00) li huwa hallas ghal 'air conditioner' li nxtara minghand is-socjeta' ntimata, liema mudell ta' 'air conditioner' ma kienx dak li hallas ghalih, u rapprezentanti l-ammont ta' disghin Ewro (€90.00) bhala danni morali.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

L-intimat kien cempillu sabiex ibieghlu 'air conditioner' ta' 12,000 Btu/h. Illi ghalhekk, ir-rikorrent talbu l-ispecifications, liema specifications li wrew illi l-'air conditioner' kien ta' capacity cooling 12,000 Btu/h *u capacity heating* 12,000 *Btu/h intbaghtu lilu permezz ta' email. Fil-5 ta' Gunju* 2013, l-intimat mar fuq il-post sabiex jinstalla l-'air conditioner', fejn ir-rikorrent hallsu l-ammont ta' erbgha mija u disghin Ewro (€490.00) permezz ta' cheque. Illi sussegwentement ir-rikorrent iccekja il-plate imwahhla fuq l-'air conditioner' fejn induna li dan kien differenti mill-

ispecifications ta' dak li kienu ftehmu. Li nstalla l-intimat kien ta' capacity 19,500 cooling u 11,000 Btu/h heating. Illi ghalhekk, l-ghada filghodu r-rikorrent cempel lis-socjeta' ntimata fejn halla *messagg sabiex l-intimat icempillu, pero' dan qatt ma sehh.*

Ir-rikorrent qed jitlob il-flus lura fl-ammont ta' erbgha mija u disghin Ewro (€490.00) flimkien ma' disghin Ewro (€90.00) bhala danni morali.

Ir-rikorrent ezebixxa dokumentazzjoni relattiv.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

1. Matthew Schembri m'huwiex il-legittimu kontradittur skond il-ligi billi huwa agixxa f'isem il-kumpanija 'Whitefrost Co Ltd' ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghas-segwenti ragunijiet:

(a) Ir-rikorrent ma setax jagixxi bil-prezenti procedura una volta li ma ddepozitax l-'air conditioner' unit minnu lamentat taht l-awtorita' tal-Qorti tal-Magistrati biex jezimi ruhu minn kwalunkwe responsabbilita' .
(b) Illi gie supplit lir-rikorrent dak li gie pattwit.
(c) Illi huwa invertier dak allegat mir-rikorrent dwar ricevuta/garanzija. L-istess garanzija/ricevuta gew lilu moghtija wara c-cekk minnu moghti gie onorat mill-Bank.
(d) Kull pretensjoni ta' danni ghandha tigi ppruvata apparti li trid tigi ppruvata r-responsabbilita'.
(e) Una volta li r-rikorrent iddecieda li jzomm l-istess unit allura ma jistax jirreklmana r-rifuzjoni tal-prezz imhallas.
(f) Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja ta' delivery note li l-intimat kien tah minnflok ricevuta, li giet immarkata bhala Dok.JG1; flimkien ma' kopja ta' zewg emails li gew immarkati bhala Dok.JG2 u Dok.JG3.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha kkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet sett ta' dokumenti, li gew immarkati bhala Dok.MS1.

It-Tribunal qed jichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' ntimata.

It-Tribunal innomina lil Ing Charles Yousif bhala espert tekniku sabiex jeccedi ghal fuq il-post u jirrelata dwar l-ilment tar-rikorrent.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li ha konjizzjoni tar-relazzjoni ta' l-espert tekniku, Ing Charles Yousif, qed jilqa' t-talba tar-rikorrent in parte, stante illi r-rifuzjoni hija rimedju adegwat, u jordna lis-socjeta' ntimata tiehu lura l-'air conditioner' in kwistjoni u thallas l-ammont ta' erbgha mija u disghin Ewro (€490.00) lir-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**